REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1172/2008

tal-25 ta' Novembru 2008

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, hemm bżonn li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifika tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, totalment jew parzjalment, fuqha jew li żżidilha kwalunkwe subdiviżjoni addizzjonali u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-ħsieb tal-applikazzjoni ta' miżuri tariffarji u ta' miżuri oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skond dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna nru 1 tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikati fil-kolonna nru 2, minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna nru 3 ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li tagħrif tariffarju li jorbot u li jkun inħareġ mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li hu marbut mal-klassifikazzjoni tal-prodotti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhuwiex skond dan ir-Regolament jista', għal perjodu ta' tliet xhur, ikompli jkun invokat mid-detentur, skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2].

(5) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma tax opinjoni fiż-żmien stipulat mill-President tiegħu rigward il-prodott nru 1 tat-tabella mehmuża.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament rigward il-prodott nru 2 tat-tabella mehmuża huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna nru 1 tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikati fil-kolonna nru 2 ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Tagħrif tariffarju li jorbot maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhuwiex skond dan ir-Regolament, jista' jkompli jkun invokat għal perjodu ta' tliet xhur skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Novembru 2008.

Għall-Kummissjoni
László KOVÁCS
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Il-kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Apparat li jitħaddem bil-batterija magħmul minn sistema li taqra l-lejżer biex jirriproduċi l-vidjos u moniter tal-kulur (ħekk imsejjaħ 'DVD player' li jista' jinġarr minn post għall-ieħor). Il-qisien globali tiegħu huma ta' 19-il ċm. (tul) b'14.2 ċm. (wisa') u bi 3.7 ċm. (għoli) u l-piż huwa ta' 800 gramma. Il-moniter huwa tat-tip ta' tagħmir bil-kristalli likwidi ("LCD") b'daqs djagonali tal l-iskrin ta' 21.6 ċm. (8 pulzieri u nofs). L-apparat jista' jintlewa u l-moniter tiegħu jista' jiddawwar. L-apparat huwa mgħammar b'lawdspikers li qegħdin ġo fih stess. Għandu l-"interfaces" li ġejjin: — spazji għall-karti għall-espansjoni tal-memorja, — port għall-USB, — port tal-"input" u l-"output" għal sinjal tal-vidjo kompost, u — "jacks" għall-kuffji. L-apparat jista' jagħraf midja ottika (per eżempju CDs u DVDs) u midja li hi semikonduttur (per eżempju memorja "flash" tal l-USB) li jkunu f'diversi formati tal-awdjo u tal-vidjo.	8528 59 90	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali nri 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, min-Nota 3 sas-Sezzjoni XVI u mill-kliem tal-kodiċi tan-NM bin-numri 8528, 8528 59 u 8528 59 90. Minħabba li l-apparat huwa magna komposta skond in-Nota 3 tas-Sezzjoni XVI, għandu jiġi kklassifikat daqslikieku huwa prodott magħmul biss minn dak il-komponent li jwettaq il-funzjoni ewlenija tiegħu. Skond id-diżinn u l-kunċett tal-apparat, l-għan tiegħu hu li jintwerew il-vidjos. Fid-dawl tad-daqs tal-iskrin, li jiffaċilita l-wiri ta' sekwenzi tal-vidjo għal tul ta' żmien, il-funzjoni ewlenija tal-apparat hija li juri l-vidjos. Għaldaqstant, l-apparat għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM bin-numru 8528 59 90 bħala moniter tal-kulur.
2. Apparat bi stil tal-"laptop" li jitħaddem bil-batterija magħmul minn sistema li taqra l-lejżer biex jirriproduċi l-vidjos u moniter tal-kulur bi tjuner tat-televiżjoni (ħekk imsejjaħ 'DVD player' li jista' jinġarr minn post għall-ieħor) Il-qisien globali tiegħu huma ta' 19.5 ċm. (tul) b'14.9 ċm. (wisa') u bi 3.1 ċm. (għoli) u l-piż huwa ta' 800 gramma. Il-moniter huwa tat-tip ta' tagħmir bil-kristalli likwidi ("LCD") b'daqs djagonali tal-iskrin ta' 17.8 ċm. (7 pulzieri) u jista' jintewa. Il-prodott huwa mgħammar: — b'lawdspikers li qegħdin ġo fih stess, u — bi tjuner tad-DVB-T (tax-xandir tal-vidjo diġitali terrestri) u bi tjuner tal-vidjo analogu. Għandu l-"interfaces" li ġejjin: — spazji għall-karti għall-espansjoni tal-memorja, — port għall-USB, — port tal-"input" u l-"output" għal sinjal tal-vidjo kompost, u — "jacks" għall-kuffji. L-apparat jista' jagħraf midja ottika (per eżempju CDs u DVDs) u midja li hi semikonduttur (per eżempju memorja "flash" tal-USB) li jkunu f'diversi formati tal-awdjo u tal-vidjo. Jista' jintuża wkoll bħala riċevitur għax-xandir tar-radju diġitali jew bħala "player" tal-logħob tal-vidjo.	8528 72 20	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali nri 1, 3(b), u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u mill-kliem tal-kodiċi tan-NM bin-numri 8528, 8528 72 u 8528 72 20. Minħabba li fih tjuner tat-televiżjoni, l-karatteristika essenzjali tal-prodott hija li huwa apparat għar-riċeviment tat-televiżjoni bi skrin li jinkludi riċevitur għax-xandir tar-radju u apparat għar-riproduzzjoni tal-vidjos. L-użu possibbli tal-apparat bħala apparat tal-logħob huwa sekondarju u għaldaqstant ma għandux jitqies bħala karatteristika essenzjali tal-apparat. Għaldaqstant, l-apparat għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM bin-numru 8528 72 20 bħala apparat għar-riċeviment tat-televiżjoni li jinkludi riċevitur għax-xandir tar-radju u apparat għar-riproduzzjoni tal-vidjos.